MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2011

Numru. 968/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Yvonne Farrugia**
**Spettur Malcolm Bondin**

**vs**

**Kevin Stafrace**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Kevin Stafrace ta' 33 sena, bin Michael u Maria Dolores nee' Chircop, imwieled Pieta' fit-18 ta' Jannar 1976 u residenti f'52 Rue D' Argens, Msida u detentur tal-karta tal-identita' numru 94676(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

1. Fl-24 ta' Awwissu 2009, f'dawn il-Gzejjer, b' xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lil Marvic Micallef (detentur tal-karta tal-identita' numru 31175(M)), u cioe' b' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew

ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b’qerq ta’ aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2.329.37) ghad-detriment ta’ Joseph Ellul Sullivan f’isem il-kumpanija *Aquatess Marketing Limited* u/jew Alfred Mallia, fl-atti li bihom id-delitt kien ippreparat jew ikkunsmat, meta ghad li kien jaf bl-att fil-waqt li kien qieghed isir, u ghad li seta’ jimpedih, hallih isir.

L-imputat Kevin Stafrace sar recidiv a termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati li saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Il-Qorti kienet wkoll gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta’ spejjez li kellhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 2 ta’ Lulju 2010 (esebita a fol. 121 tal-process) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) Fl-artikoli 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(b) Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(c) Fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Rat li waqt l-udjenza tas-26 ta’ Novembru 2010, l-imputat ddikjara li hu m’ ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fl-24 ta' Awwissu 2009 ghall-habta tal-12.00pm is-socjeta' Aquatess Limited irceviet telefonata fejn l-persuna li kienet qed iccempel ghamlet ordni kbira ta' kaxxex tal-birra Heineken u Dab u ilma ghall-Kazin ta' San Bert il-Ghargur. Joseph Ellul Sullivan ghan-nom tas-socjeta' Aquatess li ghamel ir-rapport relattiv mal-Pulizija nforma lil Pulizija li min ghamel it-telefonata qal li il-merkanzija kellha tingabar fit-3.00pm u peress li dik il-gimgha stess kien hemm il-festa tal-Ghargur u l-imsemmi kazin kien klijent regolari Aquatess Limited acettat l-ordni. Ghall-habta tat-3.00pm tal-imsemmija gurnata ragel qed isuq vann tal-kiri ta' Godwin's Garage prezenta ruhu fl-istores tas-socjeta' kwerelanti f'Haz-Zebbug u nforma lilll-istore keeper li huwa kien gie sabiex jigbor l-ordni tal-Ghargur u huwa ffirma fuq l-invoice prezenata lilu mill-istorekeeper u qallu li ma kellux flus fuqu u li c-cheque ghall-prezz tal-merkanzija li kien jammonta ghas-somma ta' €5319.27 kellu jingabar dakinhar stess mill-Kazin ta San Bert. Meta fl-istess gurnata Danny Musu l-agent tal-Aquatess mar il-kazin ta' San Bert fejn kellem lil Brandon Sciberras il-barman tal-kazin ta' San Bert dan qallu li huma qatt ma kienu ghamlu ordni maghom dakinhar u ghalhekk ma kien dovut ebda ammont mill-kazin. Minn verifiki li ghamlet is-socjeta' Aquatess Limited ma Godwin's Garage irrizulta li dakinhar kien nkera vann wiehed biss li kellu n-numru tar-registrazzjoni BQZ 030 u dan kien fil-fatt inkera min certu Marvic Micallef. Minn filmati tas-securty cameras li kien hemm f'fond agjacenti mal-istores ta' Aquatess Limited[1] kien jidher il-persuna li gabar il-merkanzija. Ir-rapprezentant ta' Godwin's Garage qalu li Pulizija li Marvic Micallef meta kera l-vann kien akkompanjat minn persuna ohra ta' statura zghira u huwa kien infurmahom li kellu

[1] Stills relattivi inseriti a fol. 24 tal-atti processwali.

bzonn il-vann sabiex jghabbi mitt kaxxa Heineken u hallas €60 ghall-kiri tal-vann. Irrizulta wkoll li ghalkemm Marvic Micallef u l-persuna li kien hemm mieghu kienu infurmaw lil Pulizija li huma kienu ser jirritornaw il-vann sas-6.00pm dan ma sarx ghaliex il-vann kellu puncture. Irrizulta wkoll li il-persuna inkarigata li ssewwi dan il-puncture marret fejn imhazen ta' Paris, B'Kara fejn kien qed jinhat xi merkanzija konsistenti fi kaxxex tal-birra fi mhazen li wara rrizulta li kienu jappartjenu lil certu Alfred Mallia. Meta Marvic Micallef gie nterrogat mil-Pulizija huwa ghalkemm wera certu riluttanza sabiex jipprovdi nformazzjoni sussegwentement informa lil Pulizija li meta kien mar jikri l-vann kien akkompanjat mill-imputat Kevin Stafrace u li l-persuna li kienet tidher f'recordings minn CCTV cameras li kien hemm installati f'fond agjacenti ghall-istores tal-Aquatess kien fil-fatt l-imputat. Meta l-imputat irrilaxxja stqarrija lil Pulizija[2] huwa ghall-ewwel ma ridx jitkellem izda mbaghad qalilhom li l-merkanzija kienet inhattet f' imhazen ta' certu Alfred Mallia, ghalkemm l-imputat spjega li lil Mallia ma kienx jafu. Meta saret tfittxija mill-Pulizija fil-garaxxijiet ta' Alfred Mallia instabet kwazi l-merkanzija kollha liema merkanzija giet ritornata mill-Pulizija lil Aquatess Limited. Marvic Micallef meta xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjezna tat-2 ta' Gunju 2010 qal li kien hu li kien ghamel it-telefonata u l-ordni relattiva lil Aquatess Limited izda wara hafna tlaqliq u titubanzi qal li l-imputat kien jaf bil-pjan tieghu u qal ukoll li huwa kien tah €1,000 ghal din il-bicca xoghol.

L-imputat fl-istqarrija minnu rilaxxjata qal lil Pulizija li Marvic Micallef kien cempillu u staqsih jekk xtaqx jaqla €100 u jaghmillu bicca xoghol u meta huwa rrisponda fl-affirmattiv kien qallu sabiex imur mieghu halli jikru vann minghand Godwin's Garage u sussegwentement imorru jghabbu xi kaxex tal-birra minn Haz-Zebbug. L-imputat qal li meta waslu Haz-Zebbug Micallef qallu sabiex imur wahdu fl-istores tal-Aquatess u jghidilhom li kien qed jigbor ix-xoghol tal-Ghargur u huwa spjegalu li ma setghax imur mieghu ghaliex kien hemm wiehed jafu li kellu jaghtih il-flus. L-imputat qal li meta x-xoghol kien inhatt kollu u l-

[2] Inserita a fol. 19 sa 23 tal-atti processwali.

istore keeper qallu li din kienet cash sale u huwa cempel lil Marvic Micallef u dan tal-ahhar qallu sabiex jiffirma l-invoice f'ismu u jghidilhom li setghu jghaddu ghac-cheque aktar tard dakinhar il-kazin tal-Ghargur u l-imputat qa li huwa ffirma M.Mizzi ghaliex haseb li Marvic kien kunjomu Mizzi u mhux Micallef. L-imputat qal li huwa ma kienx jaf bil-pjanijiet li kellu Marvic Micallef u cahad li huwa kien thallas €1,000 kif qed isostni Micallef. Huwa inoltre informa lil Pulizija fi stqarrija[3] li rrilaxxja l-ghadha li rrilaxxja l-ewwel stqarrija li fl-20 ta' Awwissu 2009 Marvic Micallef kien qabdu jmur bil-vann tieghu stess sabiex tinhatt xi merkanzija minghand Ruben's Cash and Carry u l-Pulizija sussegwentement skopriet li meta inxtrat din il-merkanzija Micallef kien utilizza cheque b'firma falza.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri il-Prosekuzzjoni qed takkuza lill-imputat li rrenda ruhu komplici fit-truffa effetwata minn Marvic Micallef fil-konfronti ta' Aquatess Limited u jew ta' Alfred Mallia. Il-Prosekuzzjoni qed tibbaza l-kaz taghha primarjament fuq ix-xhieda ta' l-istess Marvic Micallef kif ukoll fuq il-fatt li l-ghada tal-24 ta' Awwissu 2009 l-imputat kien qata' xaghru qasir u qaxxar id-daqna skond il-Prosekuzzjoni sabiex ma jintarafx.

Il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat kien jaf bil-pjanijiet ta' Micallef u li kien partecipi fihom. Kull ma rnexxilha tipprova l-Prosekuzzjoni fil-fatt huwa li l-imputat kien ma Micallef meta inkera l-vann u kien hu li gabar il-merkanzija minghand Aquatess. Il-Qorti jidrilha li x-xhieda ta' Marvic Micallef qua komplici ghandha tittiehed b'kawtela kbira u jekk wiehed jezamina bir-reqqa ix-xhieda minnu moghtija jista' jinnota il-moghod ghal kollox titubanti u riluttanti li bih qal li l-imptuat kien jaf bil-pjanijiet tieghu. Il-Qorti hija tal-fehma li l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli kif huwa tenut li jaghmel li ma kienx hemm 'a common design' bejnu u bejn Micallef u li l-prezenza tieghu meta giet effetwata t-truffa da parti ta'

[3] Inserita a fol. 119 u 120 tal-process.

Micallef kienet dovuta ghall-fatt li huwa gie mqabbad jigbor il-merkanzija ghall-prezz ta’ €100 u xejn aktar. Irid jigi rilevat li l-Prosekuzzjoni ghazlet li ma takkuzax lill-imputat b’komplicita’ ghall-incident tal-20 ta’ Awissu 2009 ghaliex irriteniet li f’dak il-kaz peress li l-imputat uza il-vann tieghu stess sabiex jigbor il-merkanzija dan kien ifisser li huwa effettivament kien qed jaghmel bicca xoghol skond kif imqabbad minn Micallef u xejn aktar. Il-Qorti ma tarax differenza bejn l-ewwel kaz u t-tieni kaz u jidrilha li huwa possibbli fit-tieni kaz bhal fl-ewwel kaz li l-imputat gie mqabbad sabiex jaghmel bicca xoghol izda ma kienx partecipi fil-pjan imhejji minn Micallef ghaliex ma kienx a konoxxenza tal-pjanijiet tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------